MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 304/2005/1

**Rita Caruana**

**v.**

**Emanuel Caruana**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-konvenut Emanuel Caruana minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-6 ta’ Gunju 2008, liema sentenza tal-ewwel

Qorti sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell.
“Il-Qorti;

“**Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fid-19 ta’ Settembru, 2005 li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet:**

“Illi l-attriċi żżewġet lill-konvenut fil-Knisja Parrokjali ta’ Bormla fis-7 ta’ Lulju, 1979 (hawn esebit ċertifikat taż-żwieġ Dok.  A) u minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt itfal illum maġġorenni;

“Illi l-ħajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti m’għadhiex iktar possibbli minħabba adulterju, sevizzi, minaċċi, insulti, eċċessi, u inġurji gravi da parti tal-konvenut;

“Illi l-attriċi ġiet debitament awtorizzata li tippreżenta din l-istanza permezz ta’ digriet f’dan is-sens mogħti mill-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja, datat id-19 ta’ Mejju, 2005, hekk kif estiż b’digriet datat id-29 ta’ Lulju, 2005 (hawn anness Dok.  B);

“Igħid l-istess konvenut għaliex m’għandhiex din il-Qorti:-

“1.  tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet imputabbli lill-konvenut u għall-finijiet tal-Artiklu 48(c) tal-Kodiċi Ċivili (Kapitlu 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut għandu jkun ikkunsidrat li minnha kien ħati tal-firda;

“2.  tawtorizza lill-attriċi li tgħix separata mill-konvenut żewġha;

“3.  tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi martu, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tiġi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bżonnijiet tal-attriċi, pagabbli mill-konvenut lill-istess attriċi martu fil-ġimgħa jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-

fehma tal-Qorti tkun biżżejjed sabiex l-attriċi tkun finanzjarjament indipendenti jew inqas dipendenti mill-konvenut;

“4. tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 48 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitlu 16);

“5. tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oġġetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f’żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti *in vista*, *inter alia*, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oġġetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bħala d-data meta l-istess konvenut għandu jkun ikkunsidrat li minnha kien ħati tal-firda, liema porzjonijiet illi jiġu assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut billi, okkorrendo għall-finijiet ta’ din it-talba, jiġi nominat perit biex jagħmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta’ diviżjoni, nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

“6. tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attriċi l-beni kollha parafernali tagħha u separatament tordna li l-attriċi tiġi mogħtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tagħha;

“7. tiddikjara li d-dar taż-żwieġ tiġi okkupata esklussivament mill-attriċi bl-esklużjoni tal-konvenut;
“8. tawtorizza lill-attriċi sabiex tirreġistra, *ossia* tniżżel, fir-Reġistru Pubbliku s-sentenza eventwalment mogħtija minn din l-Qorti.

“Bl-ispejjeż, kompriżi dawk inkorsi fil-proċeduri ta’ medjazzjoni u tal-Mandat ta’ Deskrizzjoni Numru 12/05 LG kontra l-konvenut illi huwa nġunt għas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-attriċi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

“Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet, ippreżentata fil-25 ta’ Ottubru, 2005, li permezz tagħha l-konvenut eċċepixxa bir-rispett:

"1. Illi l-eċċipjenti ma jopponix biex tkun pronunzjata s-separazzjoni personali minn ma' martu imma minħabba adulterju, sevizzi, inġurji u anke abbandun tad-dar matrimonjali da parti tal-istess attriċi u għall-finijiet tal-Artiklu 48(c) tal-Kodiċi Ċivili din l-Onorabbli Qorti għandha tistabbilixxi d-data meta l-istess attriċi għandha tkun ikkunsidrata li minnha jkun ħati tal-firda;

"2. Illi l-eċċipjenti jopponi għat-tielet talba tal-istess attriċi, u dan *stante* illi primarjament l-istess attriċi għandha impjieg fiss u *di piu* jeżistu ċirkostanzi li permezz tagħhom l-attriċi rrendiet ruħha ħatja għat-tkissir tal-ħajja konjugali bejn il-partijiet u kwindi tiddekadi mid-dritt ta' manteniment skond il-liġi;

"3. Illi filwaqt illi l-konvenut ma jopponix għall-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti kontenuta fil-ħames talba, din l-istess talba għandha tkun miċħuda u dan *stante* illi l-ħajja matrimonjali nkisret irremedjabbilment tort uniku tal-attriċi u kwindi fil-qasma għandha ssir okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi u l-porzjonijiet jinqasmu tenut kont tal-artikli tal-Kodiċi Ċivili dwar l-imputabbilta' ta' ħtija tal-firda u l-effett tagħha;

"4. Illi l-eċċipjenti ma jopponix għas-sitt talba imma jopponi għas-seba' talba, u dan *stante* illi l-attriċi abbandunat id-dar matrimonjali mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;

"Bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi nġunta in subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

"Rat l-atti proċesswali.

"Rat l-affidavit tal-attriċi, ta' wlied il-kontendenti C u D, u ta' E.

"Rat l-affidavit tal-konvenut.

“Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Novembru, 2005 illi permezz tiegħu ġiet nominata Dr. Elena Naudi Depasquale bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma’ l-provi u tippreżenta l-inkartament tas-seduti li nżammu minnha.

“Rat il-verbal tal-5 ta’ Mejju, 2006 illi permezz tiegħu l-imsemmi inkarigu ġie sospiż.

“Semgħet lill-partijiet diversi drabi u semgħet lix-xhieda li ġew imressqa quddiemha.

“Rat id-digriet tagħha tal-10 ta’ Lulju, 2007 li permezz tiegħu ordnat l-iżgumbrament tal-konvenut mid-dar konjugali wara rikors tal-attriċi.

“Rat ir-rapport tal-espert tekniku l-A.I.C. Mario Cassar u tal-espert kalligrafu Martin Bajada debitament maħlufa.

“Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Marzu, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

“Ikkunsidrat;

“Illi l-attriċi qegħda titlob illi din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba tortijiet imputabbli lill-konvenut. Il-konvenut qiegħed jikkontesta dan, għalkemm m’huwiex jopponi għas-separazzjoni.

“Il-partijiet iżżewġu fl-1979 u kellhom żewġt itfal, illum maġġorenni. Minn eżami anke superfiċjali tal-provi jirriżulta ċar ħafna li dak li qegħda tgħid l-attriċi fl-atti huwa sorrett mill-provi. L-affidavits tagħha u ta’ wliedha jistgħu jsejħulu *horror reading*, fejn jirriżulta li l-konvenut għamlilhom ħajjithom miżerja. Barra milli ġieli refa’ jdejh fuq l-attriċi (li għamlet diversi rapporti mal-Pulizija, iżda dejjem kienet taħfirlu l-Qorti) huwa kien jimxi ta’ tirann magħhom, speċjalment billi ma kienx jippermetti lill-membri l-oħra tal-familja biex jagħmlu użu mid-dawl elettriku u mill-ilma għaliex fi kliemu *dak iħallsu hu*. F’kelma waħda l-konvenut huwa l-hekk imsejjaħ *padre padrone* li jemmen li l-familja qegħda tgħix bil-karita’

tiegħu għax hu jmur jaħdem.  Sfortunatament dan l-atteġġjament għadu iktar komuni milli naħsbu, anke fis-sena 2008! Iben il-partijiet in fatti spiċċa biex tkeċċa darbtejn mid-dar u llum jgħix waħdu – anzi l-attriċi meta telqet mid-dar għaliex ma ssaportietx iktar, kellha ssib refuġju miegħu.  Anke l-atteġġjament tiegħu lejn bintu u żewġha minn dejjem kien wieħed ta' ġlied u sfida għall-ebda raġuni, u m'għandux ikun sorpriż li llum uliedu huma kontra tiegħu.

"L-atteġġjament u l-*forma mentis* tiegħu jidher ċar bil-mod kif kisser kollox fid-dar wara li l-Qorti ordnatlu jiżgumbra minnha għaliex ma huwiex ġust illi huwa jgħix fid-dar waħdu u martu għax imkeċċija tibqa' tgħix fl-iskomdu. *Oltre* dan jidher ukoll li kellu relazzjoni ma' immigranta llegali u daħħalha fl-istess dar konjugali.  Fuq it-tort għalhekk il-Qorti m'għandhiex għalfejn tissofferma iktar.
"Bħala komunjoni tal-akkwisti l-partijiet xtraw l-art fejn bnew id-dar konjugali (bil-*Home Ownership Scheme*) fl-1989 li ġiet stmata li tiswa' mija u ħamsin elf Lira Maltin (Lm150,000) mill-perit tekniku.  Illum minħabba li l-konvenut, kif *gia'* ingħad, kisser partijiet minnha l-Qorti tħoss li għandha tinbiegħ b'dan il-prezz bħala bażi. Hemm imbagħad karozza Hyundai CAD-093 li nxtrat ċirka erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) u baqa' d-dejn, xi elfejn Lira Maltin (Lm2,000) fuqha, li għalhekk il-Qorti ser tobbliga lill-konvenut biex iħallas id-dejn illi baqa' hu. Hemm xi żewġ karkassi ta' vetturi li kien qiegħed jaħdem fuqhom il-konvenut li ser jiġu assenjati lilu.  Kien inħareġ mandat ta' deskrizzjoni qabel il-kawża li jindika li kien hemm xi oġġetti oħra ta' ċertu valur li l-pero` l-konvenut ħa miegħu meta eventwalment telaq mid-dar u l-Qorti biex ma ddaħħalx lill-attriċi f'iktar proċeduri ser tassenja dawn lill-konvenut, li pero` għandu jħallas *arbitrio boni viri* kemm tagħhom u kemm tal-ħsara li għamel fid-dar qabel ma telaq.  Skond il-provi li nstemgħu quddiemha, il-Qorti ser tordna ħlas tas-somma ta' tmintax-il elf Euro (€18,000) li għandha tiġi prelevata mill-attriċi wara l-bejgħ tad-dar (biex anke l-mobbli l-oħra li jiġu assenjati lill-konvenut għal kull *buon fini* u biex jiġu evitati iktar vertenzi).  Għandha wkoll tinbiegħ il-polza tas-sigurta` eżistenti fuq il-ħajja tal-konvenut li għandu jħallas id-dejn li baqa' (inqas minn

ħames mitt Lira Maltin {Lm500}) fuq l-għamara. Il-kontijiet bankarji huma limitati ħafna u l-Qorti ser tordna l-qsim tagħhom bejn il-partijiet billi kulħadd iżomm il-kont rispettiv tiegħu.

“Il-konvenut fil-kors tal-provi esebixxa skrittura li skond hu l-partijiet kienu għamlu ma’ zijuh *omissis* li permezz tagħha huma kkostitwew ruħhom debituri tiegħu għal somma flus, li dejjem skond il-konvenut, huwa silifhom meta kienu qegħdin jibnu d-dar. L-attriċi dejjem ċaħdet dan, anke meta xehdet quddiem il-Qorti, u l-perit kalligrafu wasal għall-konklużjoni li l-firma m’hijiex tal-attriċi. Il-Qorti għalhekk ser tistrieħ fuq il-konklużjonijiet ta’ dan l-espert u m’hijiex ser tieħu konjizzjoni tal-iskrittura, anke għaliex temmen lill-attriċi fir-rigward.

“Fir-rigward ta’ manteniment il-partijiet jaħdmu t-tnejn iżda l-attriċi għamlet ħafna snin id-dar taqdi l-familja u għalhekk ma kellhiex opportunita’ li jkollha xogħol li finalment iwassalha għal paga deċenti, tant illi meta xehdet kellha ftit iktar minn mitejn Lira Maltin (Lm200) fix-xahar. Il-konvenut da parti tiegħu għandu iktar minn erba’ mitt Lira (Lm400) fix-xahar. Għalhekk billi l-attriċi bl-ebda mod ma kkontribwiet għas-separazzjoni l-Qorti anke per prinċipju tħoss illi huwa għandu jagħtiha manteniment, *purche* limitat.

“**Għaldaqstant il-Qorti tilqa’ t-talbiet kollha attriċi u għalhekk:**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet għar-raġunijiet indikati fiċ-ċitazzjoni, u tiddikjara li l-konvenut ikkaġuna t-tortijiet imputabbli lilu u allura s-separazzjoni, b’effetti mill-1 ta’ Ottubru, 2005;**

“**1. Tilqa’ t-tieni talba;**

“**3. Tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta’ mija u ħamsa u għoxrin Euro (€125) fix-xahar bħala manteniment;**

**“4. Tilqa’ r-raba’ talba;**

**“5. Tilqa’ l-ħames talba u tordna l-fond li jġib in-numru 144 jismu Aloha fi Triq Benedittu, Hal Kirkop, bil-garaxx magħha, jiġi mibjugħ taħt l-awtorita’ tal-Qorti u li l-prezz indikat skond il-liġi jkun ta’ mija u ħamest elef Liri Maltin (Lm105,000) ekwivalenti għal mitejn, erbgħa u erbgħin elf, ħames mija u erbgħa u tmenin Euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€244,584.21). Tordna, għar-raġunijiet imsemmija *gia’*, li l-attriċi tieħu l-ewwel tmintax-il elf Euro (€18,000) mill-prezz u l-bilanċ jinqasam bejn il-partijiet indaqs. Tassenja lill-konvenut il-beni mobbli kollha, inkluż il-vettura Hyundai CAD-093 u kull vettura oħra li jista’ jkollu f’ismu u huwa għandu jibqa’ jħallas id-djun kollu fuqhom. Tordna l-flus kollha depositati l-banek lokali f’isem il-partijiet jiġu assenjati lil dik il-parti li għandha l-kont f’isimha, u jekk hemm xi kontijiet oħra f’isem il-partijiet flimkien jinqasam f’ishma indaqs għal kull parti. Tordna wkoll li tinbiegħ il-polza ta’ assikurazzjoni f’isem il-konvenut u r-rikavat jinqasam bl-istess mod;**

**“6. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-sitt talba billi ma rriżultax li kien hemm xi proprjetajiet parafernali jew dotali;**

**“7. *in vista* ta’ dak illi ntqal fil-ħames talba, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba’ talba, iżda tawtorizza lill-attriċi tibqa’ żżomm il-pussess tal-fond imsemmi sakemm jinbiegħ;**

**“8. tilqa’ t-tmien talba.**

**“L-ispejjeż kollha, kompriż tal-espert kalligrafu, jitħallsu mill-konvenut, iżda l-attriċi għandha tħallas biss nofs id-drittijiet u l-ispejjeż tal-perit arkitett.”**

**Rikors tal-appell tal-konvenut appellant**

Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interpona appell minnha.

In succinct, l-aggravji tieghu huma s-segwenti:
L-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda dwar min effettivament kien il-kagun tal-firda. Hu jghid li ma ngabet l-ebda prova li titfa l-htija fuqu, anzi kienet l-attrici li liberament telqet mid-dar matrimonjali. Ikompli li ma ngaghbet l-ebda prova dwar l-allegat adulterju tieghu ma' immigranta illegali u r-ritratti ezibiti ttiehdu snin wara li l-attrici telqet mid-dar.

It-tieni aggravju hu li l-attrici kellha tiddekadi mill-manteniment billi hi ghandha impjieg fiss u abbandunat id-dar. Hu qed ihallas il-kontijiet u dejn li baqa' x'jithallas.

Fit-tielet lok ighid li ma ngabitx prova dwar il-hsara li saret fid-dar matrimonjali jew li kien hu li kkommetta dik il-hsara.

Fl-ahharnett l-appellant ma jaqbilx li l-firma fuq l-iskrittura tal-kostituzzjoni tad-debitu favur iz-ziju tieghu ma kienitx tal-attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-konvenut appellant talab ir-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata.

**Risposta tal-attrici appellata.**

L-attrici tikkontendi li s-sentenza appellata hija wahda gusta u li timmerita li tigi konfermata, prevja c-cahda tal-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.
Ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilita` ghat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet, tghid li jirrizulta mill-provi prodotti li kien bhala konsegwenza tal-agir tal-appellant, deskritt mill-ewwel Qorti bhala *horror reading,* li hija kienet kostretta tallontana ruhha mid-dar matrimonjali.

Dwar il-kwistjoni tal-manteniment l-attrici wiegbet li hi ma kkommettiet l-ebda adulterju, u kienet telqet mid-dar ghas-sigurta` taghha, u anke kieku, m'ghaddewx sentejn stipulati mil-ligi li jammontaw ghall-abbandun. Hi bdiet tahdem bhala *cleaner* u m'ghandhiex impjieg u lanqas somma ta' pensjoni assikurata mentri l-ammont ta'

manteniment akkordat mill-ewwel Qorti huwa wiehed minimu.

Dwar is-somma ta’ tmintax-il elf Euro (€18,000) iffissata mill-ewwel Qorti bhala kumpens ghall-hsara kagjonata, l-attrici wiegbet li l-prova saret kemm bix-xhieda taghha kif ukoll bin-nota u ritratti li pprezentat u l-mandat ta’ deskrizzjoni ezibit.

Fl-ahharnett dwar ir-rapport tal-espert kalligrafu l-attrici tghid li l-appellant bl-ebda mod ma kkontesta l-konkluzzjoni tal-espert nominat mill-ewwel Qorti u ghalhekk jirrizulta li l-firma taghha kienet falza, kif hija dejjem sostniet.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

<u>Htija ghat-tifrik taz-zwieg</u>
L-appellant jillanja li l-ewwel Qorti tat biss konsiderazzjoni ta’ dak li xehdet l-attrici u tal-provi minnha prodotti. Hu jghid li ma ngabet l-ebda prova li titfa’ l-htija fuqu anzi kienet l-attrici li liberament telqet mid-dar matrimonjali. Ikompli li ma giex pruvat l-allegat adulterju tieghu ma’ l-immigranta illegali u r-ritratti ezibiti mill-attrici ttiehdu snin wara li l-attrici telqet mid-dar.

Illi fuq dan il-punt l-ewwel Qorti ddecidiet li minn ezami, anke superficjali, tal-provi kien jidher car hafna li dak li qeghda tghid l-attrici huwa sorrett mill-provi, u li l-affidavits taghha u ta’ uliedha jistghu jissejhu *horror reading*, fejn il-konvenut ghamlilhom hajjithom mizerja. L-atteggjament u l-*forma mentis* tieghu jidhru car bil-mod kif kisser kollox fid-dar wara li l-Qorti ordnatlu jizgumbra. Oltre dan, jidher li l-konvenut kellu relazzjoni ma’ immigranta llegali u dahhalha fl-istess dar konjugali. Fuq it-tort tal-konvenut ghalhekk l-ewwel Qorti qalet li ma kellhiex ghalfejn tissofferma aktar.

Kif inhu risaput, ghal dawk li huma provi, spiss jassumu rilevanza determinanti certi provi indizzjarji, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lil verzjoni u mhux lil ohra, u li allura jirrendu verzjoni aktar kredibbli u

attendibbli mill-ohra. Elementi ta’ prova, dawn, li proprju ghaliex newtri, oggettivi u milnn fonti indipendenti, spiss iwasslu lill-gudikant biex jirrisolvi l-vertenza indipendentement mill-verzjonijiet konfliggenti tal-partijiet f’kazijiet fejn dawn ikunu mtappna jew minn interess jew mill-impressjonijiet zbaljati u konfuzi ta’ kif ikunu graw l-affarijiet.

Fil-kaz in ezami, din il-Qorti hi tal-fehma li, bhalma jigri f’dawn il-kazijiet, qatt ma tista’ tghid li t-tort ikun kompletament ta’ naha wahda minghajr xi htija tal-parti l-ohra. Iz-zewg partijiet ikunu kkontribwew biex is-sitwazzjoni tasal fejn effettivament tasal. Fil-kaz in ezami hemm cirkostanzi li huma tali li jgieghlu lil din il-Qorti taqbel ma’ l-ewwel Qorti li t-tort ghat-tifrik taz-zwieg kien principalment tal-konvenut u l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici u x-xhieda minnha prodotti ghandha aktar mis-sewwa.

Fl-aggravju tieghu l-konvenut ighid li kienet il-mara li telqet mid-dar liberament, li ma kienitx tiddixxiplina lit-tfal u kienet tahli u tberbaq il-flus. Ighid ukoll li ma giex pruvat l-adulterju tieghu ma’ l-immigranta rregolari. Dwar din l-ahhar lanjanza, il-Qorti mhix ser tidhol fiha, billi ghalkemm gie pruvat li l-konvenut kellu relazzjoni ma’ immigranta irregolari, pero` ma giex pruvat l-adulterju.

Kwantu ghall-prova dwar eccessi, sevizzi u vjolenza, il-Qorti regghet ezaminat il-process mill-gdid u l-provi hemm prodotti, u hi konvinta, bhal l-ewwel Qorti, li l-konvenut kien isawwat lil martu u anke lil uliedu u kien ghamlilhom hajjithom passjoni. L-attrici u uliedha kollha jaqblu li l-konvenut kien aggressiv u kien juza mhux biss vjolenza fizika fuqhom imma anke vjolenza morali biex jiddegradahom u jittrattahom qishom l-iskjavi tieghu. Il-bini tad-dar, il-klieb, il-karozzi u d-delizzji l-ohra tal-konvenut kienu aktar importanti mill-familja, u zmien ghaliha (cioe` ghall-familja) ma kellux. Gew prodotti diversi rapporti li saru lill-Pulizija in segwitu ghall-glied li kien jinqala’ u feriti li garrbet l-attrici. Jirrizulta li r-rapporti kienu jsiru biss min-naha tal-attrici u mhux mill-konvenut, li ghalkemmm semma li kien hemm xi incidenti li nqalghu

tort tal-attrici, ma jirrizultax li hu qatt ghamel xi rapport lill-Pulizija. Anzi jirrizulta li l-konvenut kien anke gie kkundannat mill-Qorti Kriminali u marbut biex ma jimmolestax lil martu u lill-familja.

Minhabba l-komportament hazin u insopportabbli tal-konvenut, l-attrici kienet kostretta, kontra r-rieda taghha, li titlaq mid-dar matrimonjali u ssib refugju ghand uliehda li wkoll gew imkeccijja mill-konvenut. Binhom C. C., meta ghalaq it-tmintax-il sena, gie mkecci mill-konvenut u kellu jmur joqghod ghal rasu f'post iehor li kera. L-attrici marret diversi drabi lura d-dar matrimonjali biex tigbor hwejjigha, anke akkompanjata mill-pulizija, izda l-konvenut ma dahhalhiex. L-attrici kienet anke kitbet bl-Avukat f'dawk l-okkazzjonijiet. Il-konvenut sahansitra spicca biex biddel is-serratura tad-dar u tal-garaxx biex zgur l-attrici u binha ma jkollhomx access ghad-dar fejn baqa' jghix wahdu (ghalkemm jidher li f'dak il-perjodu kien qed ikollu relazzjoni ma' immigranta irregolari) sakemm gie ordnat jizgombra mill-Qorti.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li l-attrici m'abbandunatx id-dar matrimonjali liberament imma <u>giet imgieghla taghmel hekk minn zewgha</u> minhabba l-agir aggressiv tieghu u minhabba s-sigurta` taghha u ta' uliedha. Billi kien hemm kawza gusta biex titlaq mid-dar konjugali, l-attrici setghet toqghod imbieghda mid-dar konjugali minghajr ma titlef id-dritt taghha ghall-manteniment. Il-kawzi gusti li skond il-ligi jaghtu lok ghas-separazzjoni huma kawzi gusti biex il-mara tirrifjuta li tmur lura fid-dar konjugali, u jista' jkun hemm kawzi ohra li, ghalkemm mhux sufficjenti biex jillegittimaw it-talba ghal-separazzjoni, huma bizzejjed gravi biex jiggustifikaw ir-rifjut tal-mara li terga' tmur fid-dar ta' zewgha. (ara sentenza App. **Quintano v. Quintano** deciza fit-2 ta' Dicembru 1955). Inoltre ma jirrizultax li l-konvenut interpella formalment lill-attrici biex tirritorna d-dar konjugali u ghalhekk in vista ta' dan il-Qorti lanqas kellha ghalfejn taghmel indagini biex tara jekk l-attrici kellhiex raguni gusta biex titlaq mid-dar jew jekk iddekadietx mid-dritt tal-alimenti (ara sentenza P.A**. Grech v. Grech**, deciza fil 31 ta' Mejju 1954).

L-ewwel aggravju ghalhekk qed jigi michud.

<u>Manteniment</u>

Fir-rigward tal-manteniment, l-ewwel Qorti osservat li l-partijiet jahdmu t-tnejn izda l-attrici ghamlet hafna snin id-dar taqdi l-familja u ghalhekk ma kellhiex opportunita` li jkollha xoghol li finalment iwassalha ghal paga decenti, tant illi meta xehdet kellha ftit iktar minn mitejn Lira Maltin (Lm200) fix-xahar. Il-konvenut da parti tieghu ghandu iktar minn erba' mitt Lira (Lm400) fix-xahar. Ghalhekk billi l-attrici bl-ebda mod ma kkontribwiet ghas-separazzjoni l-ewwel Qorti, anke per principju, hasset illi l-konvenut kellu jaghtiha manteniment, anke jekk limitat.

Fl-aggravju tieghu l-appellanti jsostni li l-attrici kellha tiddekadi mill-manteniment billi hija ghandha impjieg fiss, u kienet hi li abbandunat id-dar. L-appellant ighid li hu qieghed ihallas il-kontijiet tas-servizzi u dejn li baqa' x'jithallas.

L-obbligi ta' manteniment tal-konjugi huma regolati bl-Artikolu 3 tal-Kap. 16 li jipprovdi li:-
"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."

Ghalhekk il-genituri ghandhom l-istess obbligi lejn uliedhom u t-tnejn ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-istess, aktar u aktar illum meta l-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-Artikolu 2 tal-Kap. 16 "jerfghu r-responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom." Dan hu hekk in principju, pero` jista` jkun hemm kazijiet fejn minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, il-genitur li jkun afdat bil-kura u l-kustodja ta' minuri ma jkunx jista` jahdem u dan minhabba li jkun irid jippresta l-attenzjoni u l-kura tieghu ghat-trobbija tal-imsemmi minuri. Illi ghalhekk tkun tezisti raguni sufficcjenti li parti fiz-zwieg ikollha thallas il-

manteniment lill-parti l-ohra ghal tul ta' zmien (ara sentenzi **M. Vella pro et noe v. G. Vella** Prim Awla deciza fit-28 ta' Frar 2003 u **D. Tabone v. C. Tabone** Appell, deciza fil-15 ta' Dicembru 1997).

Fil-kaz in ezami l-attrici mill-ewwel kellha tfittex impieg fiss u kellha tahdem bilfors minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja li l-kontendenti kienu fiha minhabba d-dejn li kienu tghabbew bih minhabba d-dar li kienu se jibnu. Bin l-attrici xehed a fol. 36 li "ommi harget tahdem ghaliex missieri ried bil-fors jibni post u ghalhekk kellhom jissellfu mill-bank u mill-paga tieghu kien ihallas il-*loan* u mill-paga ta' ommi konna nghixu. Bil-fors kellha tohrog tahdem ghaliex missieri kien jirrifjuta illi jghaddilha flus ghall-hajja u biex trabbina. Minn meta beda jibni l-post beda jossessjona ruhu bih u dejjem ighid illi l-post huwa tieghu biss". L-attrici tikkonferma dan kif ukoll li r-ragel qatt ma taha paga. Tghid li hi, apparti x-xoghol taghha u t-trobbija tal-familja, flimkien ma' binha C. kienet ukoll tmur il-post il-gdid biex tghin lill-konvenut li kien ikun qed jahdem hemm.

L-attrici taqla' bhala paga xi Lm220 netti jew ftit aktar fix-xahar mill-impieg taghha mentri r-ragel jaqla' xi Lm400. Minhabba l-eta` taghha (illum tghodd 53 sena) u l-fatt li hija bla skola, il-prospetti tal-attrici li jkollha opportunitajiet ta' xoghol m'humiex tajbin. Jekk hi tieqaf tahdem, ma tafx jekk hix se tkun intitolata ghal pensjoni u kemm, mentri l-konvenut ghandu l-pensjoni tieghu fl-armata assikurata u li se tkun dejjem aktar minn dik li tista' tippercepixxi l-attrici.

Skond il-ligi, il-manteniment ghandu jinghata skond il-mezzi ta' min ghandu jaghtih. Infatti jidher car li l-potenzjal ta' qliegh tal-konvenut mill-ezercizzju tal-professjoni tieghu huwa ferm akbar mill-potenzjal tal-attrici. Ghalhekk la darba gie deciz li l-konvenut kien responsabbli principalment ghat-tifrik taz-zwieg, li l-attrici ma ddekadietx mid-dritt ta' manteniment, u li lanqas ma kienet abbandunat id-dar, u la darba l-qliegh jew il-potenzjal tal-qliegh tal-konvenut jissupera sewwa l-potenzjal tal-qliegh li l-attrici qatt tista' tippercepixxi, allura huwa gust li l-konvenut jikkontribwixxi wkoll ghall-

manteniment tal-attrici proprio anke jekk f'somma relattivament zghira. Il-Qorti jidhrilha li fic-cirkostanzi s-somma ffissata mill-ewwel Qorti hija gusta u ghandha tigi kkonfermata, aktar u aktar meta l-ammont stabbilit mhux wiehed esagerat.

Dan l-aggravju wkoll qed jigi michud.

<u>Hsara fil-dar konjugali u oggetti nieqsa</u>

Fit-tielet aggravju tieghu l-appellant qed ighid li ma ngabitx prova dwar il-hsara li saret fid-dar matrimonjali, jew li kien hu li kkommetta din il-hsara.

L-ewwel Qorti ddecidiet li kien inhareg mandat ta' deskrizzjoni qabel il-kawza li jindika li kien hemm xi oggetti ohra ta' certu valur li, pero`, il-konvenut ha mieghu meta eventwalment telaq mid-dar. L-ewwel Qorti, biex ma ddahhalx lill-attrici f'iktar proceduri, assenjat l-oggetti lill-konvenut, li pero` kellu jhallas *arbitrio boni viri* kemm taghhom u kemm tal-hsara li ghamel fid-dar qabel ma telaq. Skond il-provi li nstemghu, il-Qorti ordnatlu ihallas s-somma ta' tmintax-il elf Euro (€18,000) li għandha tigi prelevata mill-attrici wara l-bejgh tad-dar.

Dwar dan l-aggravju l-Qorti tirrileva li, kuntrarjament ghal dak li qed jissottometti l-appellant, l-attrici gabet provi dwar il-hsarat li sabet fid-dar meta hi giet awtorizzata mill-Qorti biex terga' tmur tghix fid-dar matrimonjali, u dan wara li l-konvenut gie ordnat mill-Qorti biex jizgombra. L-attrici, apparti dak li xehdet,ipprezentat nota a fol. 343/4 fejn hemm elenkati l-oggetti li ma' baqghux fid-dar matrimonajali u ritratti tal-oggetti li gew deskritti fil-mandat ta' deskrizzjoni ezibit a fol. 29. Ir-ritratti juru l-istat tal-oggetti miksurin jew mehudin mid-dar konjugali wara li l-appellant ivvaka mill-post. Kien ezatt wara li hareg mill-fond l-appellant li l-oggetti nstabu miksurin jew neqsin. Dwar <u>l-ammont likwidat</u> *arbitrio boni viri* mill-ewwel Qorti, l-appellant ma jsemmi xejn fl-aggravju tieghu. Jirrizulta ghall-kuntrarju li dan mhux hekk. L-appellant ma qalx li huwa mhux qed jaqbel mal-likwidazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti imma li l-ammont ma giex pruvat mill-attrici.

Konsegwentement l-appellant lanqas fuq dan l-aggravju m’ghandu ragun.

Kostituzzjoni ta’ debitu

Fl-ahhar aggravju tieghu l-appellant ighid li hu ma jaqbilx li l-firma fuq l-iskrittura tal-kostituzzjoni tad-debitu favur iz-ziju tieghu mhix tal-attrici u jinsisti li s-self kien sar lit-tnejn u li l-attrici kienet iffirmat l-iskrittura.

L-attrici cahdet li z-ziju tar-ragel kien sellifhom il-flus li hemm imsemmija fl-iskrittura. Hija taccetta biss li z-ziju tar-ragel kien silifhom is-somma ta’ Lm2000 billi huma kellhom bzonnhom biex jaghmlu s-saqaf bil-konkos.

L-espert kalligarfu nominat mill-ewwel Qorti kkonkluda li bla ebda dubju l-firma fuq l-iskrittura hija wahda simulata u mhux tal-attrici u lanqas ma saret minnha (ara fol. 364 u 365). L-appellant la eskuta lill-espert kalligrafu u lanqas ma talab in-nomina ta’ periti addizzjonali.

Opinjoni teknika, bhal kull prova, sakemm ma tigix skossa minn prova ohra kuntrarja, attendibbli u kredibbli, tifforma l-bazi tal-gudizzju tal-Qorti. Il-Qorti ghandha mano libera li taccetta jew tirrifjuta opinjoni teknika lilha sottomessa mill-perit tekniku. Bhal kull prova ohra tista’ tigi skartata mill-Qorti. Dan pero` mhux leggerment jew kapriccozament imma biss jekk tirrizulta raguni valida fl-atti. Kien ghalhekk ukoll li l-ligi tipprovdi ghan-nomina ta’ periti addizzjonali biex ikun hemm mezz ta’ verifika tal-opinjoni teknika li l-ewwel perit ikun issottometta (ara Sentenza Appell **Camilleri v. Debattista**, deciza fid-9 ta’ Frar 2001 u sentenza Appell **Ivan Borg pro et noe v. George Aquilina**, deciza fid-19 ta’ Ottubru, 2005; **Carmel Sciortino v. Helen Camilleri et**, Appell deciz fil-31 ta’ Lulju, 1996 u **Veronica Camilleri v. Joseph Thorne et**, Civil Inferjuri deciza fit-2 ta’ Dicembru, 2002).

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif deciz mill-ewwel Qorti. Spejjez tal-appell ghall-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------